GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

ID-DIRETTORAT GĦAS-SUĠĠETTI STEM U VET

# ĊIRKULARI

**Data:** 6 ta' Lulju 2023 **Ref:** DLAP 144/2023

**Lill-:** Segretarju Permanenti, Diretturi Generali, CIO, Diretturi, Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi, Uffiċjali Edukattivi, l-Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tas-Setturi kollha) u Kapijiet ta' Entitajiet

**Mingħand:** Sa Isabel Zerafa – Uffiċjal Edukattiv, Xjenza fil-Primarja

**Suġġett:** **Junior Science Club 2023-2024**

---

Iċ-Ċentru tax-Xjenza, Pembroke fi ħdan id-Direttorat għas-suġġetti STEM u VET bħalissa qed iniedi d-disa' edizzjoni tal-*Junior Science Club*. Dan il-programm li jiġi offrut wara l-ħin tal-iskola, ġie estiż aktar u se jsir fi tnax-il lokalità differenti b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali tal-Għarb, Ħ'Attard, Ħal Lija, Ħaż-Żebbuġ, Marsaxlokk, in-Naxxar, Pembroke, San Pawl il-Baħar, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, iż-Żurrieq u Victoria f'Għawdex.

Il-*Junior Science Club* għandu l-għan li jipprovdi lill-istudenti tal-Primarja (ta' etajiet minn 7 sa 11-il sena) opportunitajiet biex jesperjenzaw investigazzjonijiet tax-xjenza u attivitajiet prattiċi relatati max-xjenza li jestendu t-tagħlim tagħhom lil hinn mill-ambjent tal-klassi. Matul is-sessjonijiet, l-istudenti jipprattikaw ħiliet ta' proċess relatati max-xjenza u jrawmu il-ħsieb kritiku, jkunu kapaċi jaħsbu, jiżvluppaw il-kapaċita' li jikkomunikaw kif ukoll il-ħiliet u l-kompetenzi ta' awtovalutazzjoni.

L-inizjattiva tal-*Junior Science Club* ġiet estiża aktar biex toffri l-opportunità lit-tfal fis-Snin Bikrin (etajiet 3 sa 6) u l-ġenituri/kustodji tagħhom. L-għan tal-*Junior Science Club* għas-Snin Bikrin huwa li jipprovdi lit-tfal u lil dawk li jieħdu ħsiebhom, l-opportunità li jqattgħu ħin ta' kwalità flimkien filwaqt li jagħmlu xjenza *hands-on*.

Il-*Junior Science Club* se jsir darba fil-ġimgħa u jibda mill-aħħar ta' Ottubru 2023 sal-aħħar ta' Mejju 2024 skont l-iskeda ta' hawn taħt.

| **Junior Science Club għall-istudenti fis-snin tal-Primarja (minn 7 sa 11-il sena)** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Lokalita'** | **Etajiet** | **Ġurnata** | **Ħin** | **Post** |
| Ħ'Attard | 7 sa 11-il sena | il-Ġimgħa | 16:00 – 17:15<br>17:30 – 18:45 | Attard Primary School<br>Ħal-Warda Street, Attard. |
| Ħal Lija | 7 sa 11-il sena | il-Ħamis | 16:30 – 17:45 | Lija Primary School<br>Robert Mifsud Bonnici Street, Ħal Lija. |
| Ħaż-Żebbuġ | 7 sa 11-il sena | l-Erbgħa | 16:15 – 17:30 | Ħaż-Żebbuġ Primary School,<br>Sciortino Street, Ħaż-Żebbuġ. |
| Marsaxlokk | 7 sa 11-il sena | l-Erbgħa | 16:15 – 17:30 | Sala Pompei,<br>Triq San Ġużepp, Marsaxlokk. |
| Naxxar | 7 sa 11-il sena | l-Erbgħa | 16:15 – 17:30 | Naxxar Primary School,<br>School Street, Naxxar. |
| Pembroke | 7 sa 11-il sena | it-Tlieta | 16:15 – 17:30 | *Il-post fil-lokalita' ta' Pembroke se jiġi ikkonfermat.* |
| St Paul's Bay | 7 sa 11-il sena | l-Erbgħa | 16:15 – 17:30 | Qawra Primary School<br>Triq il-Port Ruman, Qawra. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Żabbar | 7 sa 11-il sena | l-Erbgħa | 16:15 – 17:30 | Żabbar B Primary School, Triq il-Vulcan, Żabbar. |
| Żejtun | 7 sa 11-il sena | l-Erbgħa | 15:45 – 17:00 | Zejtun Primary School B Triq Joe Attard, Żejtun. |
| Żurrieq | 7 sa 11-il sena | it-Tnejn | 16:15 – 17:30 | Żurrieq Primary School St. Catherine Street, Żurrieq. |
| Għarb | 7 sa 11-il sena | l-Erbgħa | 16:00 – 17:15 | Creativity Hub, Triq il-Viżitazzjoni, L-Għarb. Gozo. |
| Victoria | 7 sa 11-il sena | it-Tlieta | 17:00 – 18:15 | *Il-post fil-lokalita' ta' Victoria se jiġi ikkonfermat.* |

| ***Junior Science Club*** **għall-istudenti fis-Snin Bikrin (minn 3 sa 6 snin) u l-ġenituri/kustodji tagħhom** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Lokalita'** | **Etajiet** | **Ġurnata** | **Ħin** | **Post** |
| Ħ'Attard | 3 sa 6 snin | it-Tlieta | 16:15 – 17:30 | Attard Primary School Ħal-Warda Street, Attard. |
| Żabbar | 3 sa 6 snin | l-Erbgħa | 16:15 – 17:30 | Żabbar B Primary School, Triq il-Vulcan, Żabbar. |
| Victoria | 3 sa 6 snin | it-Tlieta | 15:30 – 16:45 | *Il-post fil-lokalita' ta' Victoria se jiġi ikkonfermat.* |

**Aktar dettalji dwar il-*Junior Science Club* f'lokalitajiet differenti u l-formola tal-applikazzjoni relevanti, jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Lokali rispettiv u mill-paġna ta' Facebook tal-Junior Science Club.** L-applikazzjonijiet jintlaqgħu fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Massimu ta' 16-il student għal kull klabb huma aċċettati.

Għal aktar kjarifiki jekk jogħġbok ikkuntattja lis-Sinjura Isabel Zerafa, Uffiċjal Edukattiv, Xjenza Primarja fuq isabel.zerafa@ilearn.edu.mt jew 25983597.

Grazzi tal-kooperazzjoni tiegħek.

**Melanie Casha Sammut**
**Direttriċi, għas-suġġetti STEM and VET**